

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Restrizzjonijiet Fuq Is-suċċessjonijiet – Regoli Speċjali](#) > [Poland](#)

Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

 Polonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?

Il-Polonja għandha regoli speċjali dwar is-suċċessjoni ta' azjendi agrikoli skont il-liġi (li jkopru art agrikola b'erja ta' aktar minn ettaru wieħed) li japplikaw biss għas-suċċessjonijiet miftuħa qabel l-14 ta' Frar 2001. Dawn ir-regoli jipprevedu l-possibbiltà ta' suċċessjoni fir-rigward ta' tali azjendi biss jekk il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Kodiċi Ċivili jkunu ssodisfatti.

2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?

L-Artikolu 7 tal-Att tal-4 ta' Frar 2011 dwar id-dritt internazzjonali privat (Dz. U. (*Dziennik Ustaw - Il-Ġurnal tal-Liġijiet*) 2015, punt 1792) jistipula dan li ġej: *Il-liġi barranija ma għandhiex tapplika jekk l-effetti tal-applikazzjoni tagħha jiksru l-prinċipji fundamentali tal-ordinament ġuridiku tar-Repubblika tal-Polonja.*

3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?

Le.

L-aħħar aġġornament: 09/03/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.